

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellanti jinvokaw l-aggravji u l-argumenti prinċipali li ġejjin:

- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat kriterju ġuridiku żbaljat meta kkonstatat restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan;
- meta kkonstatat restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi eċċediet il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha;
- meta kkonstatat restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha;
- il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni kjarment u manifestament żbaljata tal-provi li jeżistu fil-proċess, li wasslet għal żnaturament tas-sinjifikat ċar tal-provi, meta kkonstatat li l-allegat għan komuni huwa ssostanzjat minn provi oħra;
- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat kriterju ġuridiku żbaljat u billi żnaturat is-sinjifikat ċar tal-provi meta qieset li Philips ipparteċipat fi ksur uniku u kontinwu fl-intier tiegħu u, bħala tali, setgħet tinżamm responsabbli għalih;
- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat ħażin il-prinċipju ta' proporzjonalità u billi naqset milli teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha meta ċaħdet il-motiv ta' Philips ibbażat fuq il-fatt li l-fattur ta' gravità applikat kien proporzjonat għall-ksur u għar-rwol ta' Philips f'dan il-ksur.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-110/17)

(2017/C 121/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Roels u N. Gossement, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

Talbiet

- tikkonstata li, billi żamm fis-seħħ dispożizzjonijiet li, fil-qasam ta' valutazzjoni tad-dħul relatat mal-immobbli mhux mikrija, jew mikrija, jew lil persuni fiżiċi li ma jagħmlux użu professjonali minnhom, jew lil persuni ġuridiċi li jpoġġu għad-dispożizzjoni ta' persuni fiżiċi għal finijiet privati, il-bażi taxxabbli hija kkalkolata fuq il-valur stmat għal dak li jirrigwarda l-beni fit-territorju nazzjonali, u fuq il-valur tal-kera reali fir-rigward tal-immobbli barra mill-pajjiż, ir-Renju tal-Belġju kiser l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li l-Belġju kiser l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 63 TFUE u taħt l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Filwaqt li hija tinnota t-tentattivi tal-Belġju biex iwaqqaf il-ksur, il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza tal-ksur hija pprovata mid-data ta' skadenza ta' xahrejn stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri s-26 ta' Marzu 2012.
